

32003D0636

L 221/42

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

4.9.2003

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Settembru 2003

li tirrikonoxxi fil-prinċipju l-kompletezza tad-dossiers sottomessi għal verifika dettaljata minħabba l-possibbiltà ta' l-inklużjoni tal-fosfit tal-potassju, acequinocyl u tacyflufenamid fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti

(notifikata bid-dokument numru K(2003) 3128)

(Test b'relevanza għall-EE)

(2003/636/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti⁽¹⁾, l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/79/KE⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 91/414/KEE tipprovdi għall-iżvilupp ta' lista Komunitarja ta' sustanzi attivi awtorizzati għall-inkorporazzjoni fi prodotti għall-ħarsien tal-pjanti.
- (2) Dossier għas-sustanza attiva fosfit tal-potassju ġie sottomess minn Lussemburgu Industries (Pamol) Ltd lill-awtoritajiet Franċiżi fit-22 ta' Awissu 2002 flimkien ma' applikazzjoni għall-inklużjoni tagħha fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Għas-sustanza attiva acequinocyl dossier ġie sottomess mill-Agro-Kanesho Co. Ltd lill-awtoritajiet Olandiżi fis-17 ta' Marzu 2003 flimkien ma' applikazzjoni għall-inklużjoni tagħha fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Għas-cyflufenamid dossier ġie sottomess min-Nippon Soda Company Limited lill-awtoritajiet tar-Renju Unit fl-14 ta' Jannar 2003 flimkien ma' applikazzjoni għall-inklużjoni tagħha fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.
- (3) L-awtoritajiet ta' Franza, l-Olanda u r-Renju Unit indikaw lill-Kummissjoni li, wara verifika preliminari, d-dossiers għas-sustanzi attivi involuti jidhru li jissodisfaw il-ħtiġiet għad-data u tagħrif ta' l-Anness II tad-Direttiva 91/414/KEE. Id-dossiers sottomessi jidhru li jissodisfaw ukoll il-ħtiġijiet għad-data u tagħrif ta' l-Anness III tad-Direttiva 91/414/KEE fir-rigward ta' prodott għall-ħarsien tal-pjanti wieħed li jinkludi s-sustanza attiva involuta. B'konformità ma' l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE, d-dossiers ġew sussegwentement mibgħuta mill-applikanti rispettivi lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra, u ġew riferiti lill-Kumitat Permanenti għall-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali.

- (4) B'din id-Deċiżjoni għandu jiġi kkonfermat formalment flivell Komunitarju li d-dossiers huma kkunsidrati li jissodisfaw, fil-prinċipju, il-ħtiġijiet għad-data u tagħrif provduti fl-Anness II u, għal minn ta' l-anqas prodott għall-ħarsien tal-pjanti wieħed li jinkludi s-sustanza attiva involuta, il-ħtiġiet ta' l-Anness III tad-Direttiva 91/414/KEE.
- (5) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tippreġudika d-dritt tal-Kummissjoni li titlob lill-applikant jissottometti aktar data jew tagħrif lill-Istat Membru nominat bħala relatur fir-rigward ta' sustanza partikolari biex jiġu ċċarati ċerti punti fid-dossier.
- (6) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-dossiers li jikkonċernaw is-sustanzi attivi identifikati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, li ġew sottomessi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex dawn is-sustanzi jiġu inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, jissodisfaw fil-prinċipju l-ħtiġijiet għad-data u tagħrif stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 91/414/KEE.

Id-dossiers jissodisfaw ukoll il-ħtiġijiet għad-data u informazzjoni stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva 91/414/KEE fir-rigward ta' prodott għall-ħarsien tal-pjanti wieħed li jinkludi s-sustanza attiva, filwaqt li jitqies l-użu propost.

Artikolu 2

L-Istati Membri relaturi għandhom jagħmlu verifika dettaljata tad-dokument involut u għandhom jagħmlu rapport tal-konklużjonijiet tal-verifika tagħhom flimkien ma' kull rakkomandazzjoni dwar l-inklużjoni jew le tas-sustanza attiva involuta fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE u kull kondizzjoni relatata lill-Kummissjoni malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mill-4 ta' Settembru 2004.

⁽¹⁾ ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 205, tat-8.14.2003, p. 16.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit 2 ta' Settembru 2003.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membri tal-Kummissjoni

L-ANNEX

SUSTANZI ATTIVI INVOLUTI F'DIN ID-DEĊIŻJONI

Nru	L-isem komuni, in-numru ta' identifikazzjoni CIPAC	L-Applikant	Id-data ta' l-applikazzjoni	L-Istat Membru relatur
1	Fosfit tal-potassju Nru-CIPAC 0756	Il-Lussemburgu (Pamol) Ltd L-industriji	tat-22.8.2002	Franza
2	Acequinocyl Nru-CIPAC mhux disponibbli għalissa	Agro-Kanesho Co. Ltd	tas-17.3.2003	L-Olanda
3	Cyflufenamid Nru-CIPAC 0759	Nippon Limited Soda- kumpanija	ta' l-14.1.2003	Ir-Renju Unit